MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 484/2012

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi hija zzewget lill-intimat fit-tnax (12) ta’ Mejju elf disa’ mija u disghin (1990) (Certifikat taz-zwieg anness Dok. A).

Illi l-partijiet huma legalment separati minn xulxin skont sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta’ Gunju 2011 fl-ismijiet A B vs C B (Citazzjoni Numru 75/2004NC) kopja annessa u markata bhala Dokument ‘B’.

Illi l-partijiet kellhom zewgt itfal u cioe` J u li llum ghandu dsatax (19)-il sena u D u li llum ghandu sittax (16)-il sena.

Illi ghaddew ferm aktar minn erba' (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat Peter Paul B bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skond il-ligi u dankollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta tal-intimat, li in forza taghha huwa eccepixxa :

L-esponent ma jistax fil-kuxjenza jaqbel mal-hall tas-sagrament taz-zwieg, u ghalhekk huwa jopponi l-pronunzjament ta' dan id-divorzju u jitlob bir-rispett li din il-Qorti tichad it-talbiet attrici;

L-esponent u l-attrici zzewgu fit-12 ta' Mejju 1990 fil-knisja tal-Madonna ta' Loreto Gwardamangia. Huwa u r-rikorrenti llum huma legalment separati minn xulxin b'sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-8 ta' Gunju 2011 fl-ismijiet A B vs C B (Cit. Nru 75/2004 NC);

Inoltre ilhom jghixu mhux flimkien ghal perjodu ta' snin wara li r-rikorrenti telqet mid-dar;

Miz-zwieg taghhom, l-esponenti u martu kellhom zewgt itfal, J Belizzi, li llum huwa maggorenni u D Belizzi li ghandu sittax-il sena li ghalih l-esponent ihallas lill-attrici

is-somma ta’ mitejn hamsa u tletin Euro (€235) fix-xahar bhala manteniment;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta’ Settembru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat il-verbal tallum illi permezz tieghu ir-rikorrenti talbet illi tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ F u rat illi l-intimat ma opponix ghal din it-talba;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi peress illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati skond sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-8 ta’ Gunju 2011, izda ilhom de facto separati ghal ferm aktar minn erba’ (4) snin;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-intimat;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa t-talba tar-rikorrenti u tawtorizzaha tirriveri ghal kunjom xbubita u cioe’ Frendo Azopardi, qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet , kif ukoll bid-digriet tal-Qorti li permezz tieghu awtorizzat lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ F sabiex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

Ft. Dr Abigail Lofaro

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------